



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15904/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0364(NLE)

RESUA 33
FIN 1451
ECOFIN 1604
ELARG 154
COEST 843
DEVGEM 221
UA PLATFORM 18

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-ilfuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali tas-sitt pagament parzjali skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet
għall-pagament parzjali tas-sitt pagament parzjali
skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

Billi:

- (1) Il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna (il-“Faċilità”), stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/792, jagħmel appoġġ finanzjarju sa EUR 38 337 000 000² disponibbli għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027 fil-forma ta’ appoġġ mhux ripagabbli u ta’ self. Il-finanzjament taħt il-Pilastru I huwa prinċipalment allokat fuq il-bażi tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna (il-“Pjan”), approvat mid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447³, kif emendata mid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157⁴. Il-Pjan jistabbilixxi l-aġenda ta’ riforma u investiment għall-Ukrajna, u l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbutin mal-finanzjament taħt il-Pilastru I tal-Faċilità.
- (2) L-iskeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbuta mal-finanzjament taħt il-Pilastru I tal-Faċilità, hija stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, kif emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2025/2157.

² F’konformità mad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157, l-Iżvezja ser ttiprovdi SEK 750 000 000, jiġifieri l-ekwivalenti ta’ madwar EUR 67 000 000, bħala kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-Pilastru I tal-Faċilità fil-forma ta’ appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, wara d-dħul fis-seħħ ta’ ftehim ta’ trasferiment bejn l-Iżvezja u l-Kummissjoni u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata.

³ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

⁴ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2157 tas-17 ta’ Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2025/2157, 27.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2157/oj).

- (3) Is-somma totali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Pjan, tammonta għal EUR 32 337 000 000, li minnhom EUR 5 337 000 000 huma fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u sa EUR 27 000 000 000 huma fil-forma ta' self.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali u EUR 1 890 000 000 fil-forma ta' prefinanzjament li jirrappreżenta pagament antiċipat ta' 7 % tal-appoġġ fil-forma ta' self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 16 576 146 834 lill-Ukrajna fl-ewwel ħames pagamenti parzjali skont il-Pjan, li minnhom EUR 3 400 000 000 ġew żborżati fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u EUR 13 176 146 834 fil-forma ta' self. F'konformità mal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/792, l-ammont ta' EUR 991 752 987 mill-ewwel ħames pagamenti parzjali intuża biex jiġi kklerjat il-prefinanzjament tas-self.

- (6) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/792, fil-31 ta' Ottubru 2025 l-Ukrajna ressqet talba debitament ġustifikata għall-pagament ta' parti mis-sitt pagament parzjali tal-appoġġ fil-forma ta' self. Fil-11 ta' Novembru 2025, hija ressqet talba aġġornata sabiex titqies l-adozzjoni ta' pass wieħed pendenti skont ir-raba' pagament parzjali. Skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2024/792, pagament miżmum għandu jitħallas biss meta l-Ukrajna tkun iġġustifikat debitament, bħala parti minn talba sussegwenti għal pagament, li hija ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji kwalitattivi u kwantitattivi. It-talba kienet akkumpanjata minn sensiela ta' dokumenti li jixhdu l-ilħuq sodisfaċenti ta' pass wieħed skont ir-raba' pagament u tmien passi skont is-sitt pagament. Ressqet ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Qafas, l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikoli 9, 10 u 22, rispettivament, tar-Regolament (UE) 2024/792.

- (7) Il-passi li jirfdu l-aħħar talba tal-Ukrajna huma relatati ma' diversi riformi stabbiliti fil-Pjan skont il-kapitoli dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, is-sistema ġudizzjarja, is-swieq finanzjarji, il-kapital uman, l-ambjent tan-negozju, id-deċentralizzazzjoni u l-politika reġjonali, il-ġestjoni tal-materja prima kritika u t-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali. L-għodda ta' ġestjoni diġitali għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna ġiet żviluppata u implimentata. Daħlu fis-seħħ il-liġi li tistabilixxi qorti ġdida biex tisma' kawżi amministrattivi, il-leġislazzjoni dwar il-prinċipji għall-bejgħ ta' banek tal-Istat, il-liġi dwar ir-riforma tal-organizzazzjoni territorjali tal-awtoritajiet eżekuttivi fl-Ukrajna u l-leġislazzjoni dwar l-appoġġ pubbliku għall-agrikoltura. Ġew adottati standards armonizzati għal tliet gruppi ta' prodotti industrijali, it-tieni Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tal-Ukrajna għall-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima u l-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart sal-2033. Ġie ppubblikat rapport dwar il-verifika tar-riżervi tal-Ukrajna tal-materja prima kritika.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat it-talba tal-Ukrajna fid-dettall u għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti ta' pass wieħed miż-żewġ passi meħtieġ għar-raba' pagament parzjali u tmienja mill-għaxar passi meħtieġa għas-sitt pagament parzjali, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-valutazzjoni pożittiva saret fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan. Aktar allinjament mal-*acquis* tal-Unjoni se jiġi ffaċilitat permezz tal-proċess ta' adegżjoni mal-Unjoni.
- (9) Fit-talba għall-pagament tagħha, l-Ukrajna kkonfermat li ma reġġgħet lura l-ebda miżura relatata mal-passi li hija kienet wettqet preċedentement b'mod sodisfaċenti.

- (10) Il-Kummissjoni qieset ulterjorment li l-Ukrajna għadha tissodisfa l-prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/792. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament tar-raba' pagament parzjali fir-rigward ta' pass wieħed miż-żewġ passi pendenti u tas-sitt pagament parzjali fir-rigward ta' tmienja mill-għaxar passi skont il-Pjan intlaħqu b'mod sodisfaċenti.
- (12) Meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli li qed tiffaċċja l-Ukrajna, huwa ta' importanza kbira li l-fondi jiġu żborżati malajr kemm jista' jkun. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament parzjali tar-raba' u s-sitt pagamenti parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self li jammontaw għal EUR 2 456 365 209, qabel ma jiġi kklerjat il-prefinanzjament, li minnhom EUR 597 494 240 jikkorrispondu għar-raba' pagament parzjali u EUR 1 858 870 969 jikkorrispondu għas-sitt pagamenti parzjali, huwa b'dan stabbilit f'konformità mal-valutazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 u annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
